L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Mina bejn Malta u Għawdex. Ikkummenta.

2. Ikteb rakkont li jibda: "Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd."

3. Ix-xogħol volontarju.

4. Iddeskrivi festa li tiġi ċċelebrata fir-raħal tiegħek.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

**It-Tribunal f'Malta**

Fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann ma kienx jonqos it-taħwid u l-ġlied minħabba l-poteri li l-inkwiżitur, l-isqof, u l-gran mastru kellhom f'Malta. Kull wieħed minnhom kellu l-qorti tiegħu u għalhekk il-Maltin kienu suġġetti għal aktar minn qorti waħda. Mhux dejjem kien ċar taħt liema qorti kien jaqa' min jiġi akkużat b'xi reat. Biex tagħqad, it-tlieta li huma kienu jemmnu fil-ħarsien tal-fidi.

Ħafna mill-membri tal-kleru kienu jgħixu fi stat korrott u l-isqof, li kien ikun dejjem Sqalli, rarament kien jersaq lejn Malta. Jingħad li xi isqfijiet li kellha Malta lanqas kellhom idea fejn hi din il-gżira. Meta fl-1572 wasal f'Malta Monsinjur Pietru Dusina, żvela l-korruzzjoni li kien hawn u għamel ħiltu biex isewwi ħafna ħwejjeġ. Billi l-gżira kellha port miftuħ, Ruma riedet li l-qorti tal-inkwiżizzjoni f'Malta tieħu ħsieb tnaqqas it-tixrid tal-ereżija. Riedet ukoll tikkontrolla l-imġiba tal-Kavallieri li mhux darba jew tnejn kienu jmorru kontra dak mistenni minnhom.

Dusina ġab miegħu r-riformi li kienu saru fil-Konċilju ta' Trentu, fosthom is-sejħa għat-twaqqif ta' Seminarju għal dawk li riedu jsiru qassisin. Ħadd ma seta' jsir qassis mingħajr ma jistudja u jistinka, u wisq inqas jidħol għal din il-vokazzjoni qisu qatt ma kien xejn. Iżda fuq kollox, dawn ir-riformi kienu meħtieġa għax bihom setgħet tiġi miġġielda l-ereżija.

L-inkwiżitur kien jgħix fil-Birgu, fejn kienu joqogħdu l-membri tal-Ordni qabel inbniet il-Belt. Meta nitkellmu dwar inkwiżizzjoni, mill-ewwel jiġuna f'moħħna s-sħaħar jew il-qaddejja tax-xitan. Fil-fatt, wara d-dagħa, l-iktar każijiet popolari, kienu dawk tas-sħarijiet u l-maġija. Każijiet oħra kienu marbuta ma' qari ta' kotba pprojbiti. Interessanti d-deskrizzjonijiet li taw xi nies, fosthom tax-xitan, li ddeskrivewh bħala ħanżir oħxon. Fid-dokumenti nsibu li n-nies kienu jitolbu lix-xitan sabiex jiksbu l-flus, biex jieħdu saħħithom lura u biex jeħilsu mill-ħabs.

L-inkwiżitur kellu l-poter li jressaq quddiem il-qorti tiegħu lil min jagħmel il-ħsara lit-twemmin bl-imġiba tiegħu, wara li jsir rapport jew minħabba xi għajdut li jkunu bdew jinfirxu. Il-Maltin, bħala Nsara, kienu fid-dmir li jirrapportaw l-ereżija. Għalkemm ħafna kienu joqogħdu lura milli jirrapportaw, ġieli kien hemm min għamel rapport għax ġie sfurzat. Ovvjament il-każijiet li kienu jitressqu quddiemu ried ikollhom rabta mal-ħidma tal-inkwiżitur. Dawk li jirrapportaw kienu mwiegħda s-segretezza u għalhekk kien hemm ċertu biża' fost il-poplu għax wieħed seta' jixli lil xi ħadd b'ereżija jew b'xi akkuża oħra. Fil-fatt ma kinetx ħaġa rari li xi ħadd jirrapporta lil persuna oħra biex jagħmlilha vendikazzjoni jew biex jeħles bil-pulit mill-għadu.

Is-sentenzi ta' din il-qorti kienu jvarjaw ħafna u mhux darba jew tnejn kienu jingħataw pieni ħorox. L-aktar piena ħarxa kienet il-piena tal-mewt lil min ma jammettix it-tort. Oħrajn kienu jeħilsuha b'pieni eħfef li kienu jinkludu s-smigħ tal-quddies, talb u sagrifiċċji. Kien hemm ukoll min inqafel il-ħabs, min ġie eżiljat u min saħansitra ntbagħat jaqdef fuq ix-xwieni tal-Ordni.

Illum il-ġurnata baqa' biss tifkira ta' dan kollu. Fil-fatt il-Palazz tal-Inkwiżitur għadu magħna sal-lum, u ta' min inżuruh u mhux inħalluh biss għat-turisti li jżuru pajjiżna kull sena.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Kemm-il qorti kien hemm fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri? Ta' min kienu? (2)
2. X'kien l-għan ewlieni tal-inkwiżizzjoni f'Malta mal-wasla tal-Monsinjur Dusina? (2)
3. Għaliex kien hemm il-ħtieġa li jitwaqqaf is-Seminarju? (2)
4. Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għal xiex wieħed kien jitressaq quddiem l-inkwiżitur. (2)
5. Skont dak li qrajt mis-silta, b'liema mod il-Maltin kienu jieħdu vantaġġ mill-inkwiżizzjoni?(2)
6. Taħseb li l-inkwiżizzjoni kienet effettiva f'Malta? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek. (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Agħti **kelma oħra** minflok il-kliem li huwa miktub bil-**grassett** skont is-silta t'hawn taħt:

   Is-sentenzi ta' din il-qorti kienu jvarjaw ħafna u mhux darba jew tnejn kienu jingħataw **pieni** ħorox. L-aktar piena **ħarxa** kienet il-piena tal-mewt lil min ma jammettix it-**tort**. Oħrajn kienu jeħilsuha b'pieni eħfef li kienu jinkludu s-smigħ tal-quddies, talb u sagrifiċċji. Kien hemm ukoll min inqafel il-ħabs, min ġie eżiljat u min saħansitra ntbagħat jaqdef fuq ix-**xwieni** tal-Ordni. *(is-sitt paragrafu)* (4)

2. Liema kelma jew frażi minn **paragrafu 3** għandha din it-tifsira:
   a. bidliet;
   b. il-post fejn joqogħdu dawk li jkunu qed jistudjaw għas-saċerdozju;
   ċ. jaħdem ħafna;
   d. sejħa li ssir qassis. (4)

3. Liema hija l-espressjoni minn **paragrafu 4** li tfisser "ifiqu"? (2)

**(Total: 22 marka)**

## IT-TIELET TAQSIMA:

## IL-GRAMMATIKA

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

F'Malta, it-tiġijiet jiġu ċċelebrati bil-kbir. Dan l-aħħar, il-gżira kompliet tespandi n-niċeċ tat-turiżmu tagħha billi tippromwovi lilha nnifisha bħala destinazzjoni ideali għal dawk il-barranin li jixtiequ li ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tagħhom tkun waħda memorabbli. Madankollu, it-tieġ tradizzjonali Malti għadu ħaj u b'saħħtu. Għalkemm matul is-snin saru xi modifiki, il-kunċetti prinċipali għadhom jiġu pprattikati. Iċ-ċerimonji kważi dejjem isiru fi knisja, segwiti miċ-ċelebrazzjonijiet, li ġeneralment isiru fi swali tat-tiġijiet. Fit-tiġijiet Maltin, fost ħafna ikel, jitqassmu l-perlini u l-pasti tal-lewż.

*(Addattament mis-sit www.airmalta.com)*

1. Mis-silta sib u ikteb nom proprju. (1)
2. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv Romanz. (1)
3. Agħti s-singular ta' **niċeċ**. (1)
4. Mis-silta sib nom fis-singular ta' nisel Romanz. (1)
5. Agħti il-plural ta' **tieġ**. (1)
6. Mis-silta sib kelma bil-pronom mehmuż fil-femminil. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv ta' nisel Romanz. (1)
8. Agħti n-negattiv ta' **jixtiequ**. (1)
9. Oħroġ verb minn **ċelebrazzjoni**. (1)
10. Oħroġ it-tieni forma minn **żwieġ**. (1)
11. Agħti l-għerq ta' **isiru**. (1)
12. Agħti l-plural miksur ta' **knisja**. (1)
13. Ta' liema forma huwa l-verb **jitqassmu**. (1)
14. Mis-silta sib u ikteb nom fil-kollettiv. (1)

**(Total: 14-il marka)**

## IR-RABA' TAQSIMA:

## IR-RAPPORT

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int ġurnalist/a investigattiv/a. Kont preżenti waqt konferenza stampa li għamel l-Ispettur tal-Forensika dwar splużjoni f'ħanut tal-ikel. Ikteb rapport dwar dak li ntqal waqt il-konferenza.

**JEW**

2. Ħaddiem spiċċa vittma ta' inċident sfortunat ġewwa fabbrika industrijali. Ikteb rapport għal gazzetta dwar dan l-inċident.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Attendejt il-Festival tal-logħob tan-nar tal-art ġewwa l-Furjana, u nnutajt li ma kienx hemm sigurtà biżżejjed għal min ġie jara dan l-ispettaklu. Ikteb lill-Kunsill Lokali tal-Furjana, biex tgħaddilu suġġerimenti siewja għas-sena d-dieħla.

   Ismek: Manwel/Chantelle Zerafa
   L-indirizz tiegħek: 6, Triq il-Ġiżimin, Ħal Mula, ĦML 1514.
   L-indirizz tal-Kunsill Lokali: 60, Kunsill Lokali Furjana, Triq il-Kbira, il-Furjana, FRN 1702.

**JEW**

2. Il-familja tiegħek sejrin tqattgħu ġimgħa vaganza ġewwa l-Polonja. Ikteb ittra lill-ħabib tiegħek Malti li qed jgħix hemmhekk, sabiex meta tkun hemm, tiltaqa' miegħu u ma' familtu.

   Ismek: Brian/Joanne Zammit
   L-indirizz tiegħek: 7, Triq il-Ward, Ħal Lija, LJA 1410.

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2018 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**
**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Refuġjata* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Refuġjata,*** Mario Azzopardi

Il-mara tat-tined
dik li f'idejha toħlom żerriegħa
dik li l-jiem tagħha
lkoll
eklissati
dik li tittama fis-siġar taż-żebbuġ
u ważi
fejn tħobb lil Samih tagħha
xi darba
meta f'Jenin u Hebron u Kafir
jieqfu l-interrogatorji
jieqfu t-torturi
l-massakri tal-għasafar
tal-irġiel.

Dal-lejl
il-mara tat-tined qed taħseb
kemm-il toqba f'ras il-mejtin
teħtieġ
biex jimtela l-ispazju
tad-duluri tagħha.

**Wieġeb:**

1. Fl-ewwel strofa ta' din is-silta l-poeta juża l-kelma "toħlom". B'liema tifsira qiegħda tintuża din il-kelma, u x'effett joħloq biha l-poeta? (4)

2. Ikteb reġistru ta' **TLIET** kelmiet mis-silta li jagħtu idea ta' vjolenza. Għalfejn il-poeta jikteb dan ir-reġistru? (4)

3. Ikteb kelma **WAĦDA** biex turi x'inhi l-ħolma tal-mara tat-tined skont dak li naqraw fl-ewwel strofa. Islet **ŻEWĠ** frażijiet mill-poeżija li wassluk għal din l-għażla. (4)

4. Minkejja l-ħolma li għandha l-mara tat-tined fl-ewwel strofa, din il-mara, x'temmen li jrid iseħħ skont dak li naqraw fl-aħħar strofa? Ikteb kwotazzjoni **WAĦDA** biex issaħħaħ din il-fehma. (4)

5. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Żagħżugħ ta' Dejjem,*** Dun Karm Psaila

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija;

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħalma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħalma kellhom fiż-żmien ommha u nannietha;

sa fuq l-iebes taż-żonqor
li jsewwed taħt is-silġ tal-Alpi, il-lima
tgħaddi tas-snin u tħalli
il-barxa li turik kemm hi qadima;

fuq wiċċek biss, ja baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija;

**Wieġeb:**

1. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-versi: "nħoss taż-żmien is-sikka tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija"? Fissirha, u ikteb l-effett li joħloq biha l-poeta. (4)

2. Ikkwota **ŻEWĠ** frażijiet jew versi li permezz tagħhom il-poeta jqanqal sens ta' nostalġija. Kif jinħoloq dan l-effett? (4)

3. Fisser il-kuntrast li joħloq il-poeta fl-aħħar strofa ta' din is-silta, meta mqabbla mal-kumplament tas-silta. (4)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fl-aħħar strofa ta' din is-silta? Iktibha, u fisser l-effett li jinħoloq biha. (4)

5. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Bank,*** Frans Sammut

Jien u rieġa' lura d-dar, nofsi stordut wara t-taħdita li kellna u l-votka li sqieni, ma riditx tmurli minn quddiem għajnejja l-ħarsa mnikkta fuq wiċċu hu u jurini r-ritratti ta' martu li kien ħallieha midfuna fl-Iżvizzera fejn kien ħadha biex tfiq minn attakk qalil tat-tuberkolożi.

Kienet martu mara l-ġmiel tagħha, u minkejja l-għażla lieżma ta' aġġettivi ta' faħar u qima, Krazju ma rnexxilux iroddilhom qima biżżejjed lill-ħaddejn donnhom żewġ wardiet, il-kisra rżina tal-għajnejn, iżiġġu minn wara żewġ kanali tal-ġawhar, u xofftejn lewn il-qroll mimlija sebħ u seħer.

Kont nafha, konna tfal, u niftakarhom lilha u 'l Krazju namrati friski, maħbubin ukoll fil-jiem bikrin tal-iskola, iġorru l-kotba ta' xulxin, jinsewhom, jibdluhom u jerħulhom, mitlufin fit-telfa ta' mħabba żagħżugħa.

L-għada meta ġie l-iskola, it-tfal kont ġa ħejjejthom biex jagħtuh merħba xierqa. Għalhekk kif daħal u sab ruħu milqugħ hekk tajjeb, Krazju ħa gost tgħidx kemm! Intasab bilqiegħda ħdejja u qagħad, b'seba' għajnejn, attent għal-lezzjoni, tistħajlu wieħed mit-tfal innifishom. Kien jidher hieni qatigħ. Min jaf x'kien għaddej minn quddiem għajnejh, kemm tifkiriet ħelwin tal-imgħoddi ġrew minn moħħu, jhennuh għal ftit, imbagħad jerġgħu jgħibu u jinsatru fl-istar kiebi tas-snin li gerrbu, u jħalluh imxennaq li jerġa' jġarrabhom.

**Wieġeb:**

1. Meta n-narratur ra r-ritratti tal-mara ta' Krazju, x'opinjoni fforma dwarha? Islet **TLIET** kwotazzjonijiet li ġiegħluk tifforma din l-opinjoni. (4)

2. Semmi **ERBA'** raġunijiet għaliex Krazju Ebejer ried imur iżur l-iskola. (4)

3. Sib metafora mill-aħħar sentenza tas-silta, iktibha u fisser l-effett li n-narratur joħloq biha.(4)

4. Semmi **ŻEWĠ** emozzjonijiet differenti li għadda minnhom Krazju Ebejer fi żminijiet differenti, u ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet, **WAĦDA** għal kull emozzjoni li semmejt. (4)

5. a) Il-karattru ewlieni ta' din is-silta huwa (agħżel **WAĦDA**)
    i. il-mara ta' Krazju.
    ii. in-narratur.
    iii. Krazju Ebejer. (1)

   b) Ikteb **TLIET** raġunijiet biex issaħħaħ l-għażla li għamilt. (3)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Bl-Irħis,*** Vincent Vella

Fajsal kompla jimpala r-ramel għal ġol-karretta u xi kultant jixħet xi ħarsa minn taħt lejn it-Tuneżin u l-imgħallem li kienu bilwieqfa fid-dell jitkellmu minn taħt l-ilsien. L-imgħallem ta daqqa t'għajn lejn l-arloġġ u xejjer rasu. Fajsal qatagħha li kienu xi t-tlieta u nofs, kien fadal aktar minn siegħa biex jieqfu minn idejhom. Kablan għolla ħarira spallejh u telaq biex jara l-ħaddiema fiex kienu waslu, ikaxkar riġlejh donnu xi ors imħeddel bis-sħana tax-xemx.

Ma kinitx għaddiet nofs siegħa li Fajsal ma semax xi għajjat ġej min-naħa ta' wara tal-blokk. Is-Senegaliż li kellu miegħu għolla rasu maħsud. Wara ftit feġġ Kablan, ixejjer dirgħajh u jgħajjat kemm jiflaħ li kienet intlemħet il-pulizija.

Ħarbu. Qabżu l-ħitan tas-sejjieħ u rħewlha jiġru b'kemm kellhom ħila qalb l-għelieqi battala ħlief għal xi ħaxix niexef u siġar tal-bajtar. Taħt riġlejh Fajsal ħass il-ħamrija tikwi u t-tingiż tax-xewk u l-ġebel irqiq. Il-qorq kien ħallieh warajh. Kompla jiġri sakemm il-blokk appartamenti ma baqax jidher aktar.

Fajsal mexieha sa Buġibba fejn kien jaqsam żewġt ikmamar ma' ħamest irġiel oħra. Inxteħet fuq is-saqqijiet li kien hemm mifruxa mal-art. Ħassu għajjien u bla ħeġġa ta' xejn. Ġimgħa xogħol mormija mar-riħ! La hu u lanqas ħadd minn dawk ma kienu jaslu biex jerġgħu jmorru lura lejn dak il-blokk appartamenti. Tgħid minnu li l-pulizija kienu rrejdjaw il-blokk? Min jaf? Mhux l-ewwel darba li Fajsal kien sema' b'bużullotti bħal dawn. Kien x'kien, ma seta' jagħmel xejn. Iżda forsi l-aktar li tatu ġewwa kienet li kellu jkun propju wieħed minnhom, imsejken daqshom, li kompla mal-imgħallem biex jagħmlilhom azzjoni bħal dik.

Fajsal dar gozz fuq ġenbejh u tgħatta rasu b'kollox bil-liżar.

**Wieġeb:**

1. Sib u ikteb similitudni mill-ewwel paragrafu tas-silta. X'effett jinħoloq biha? (4)

2. a) Permezz tal-frażi "xi kultant jixħet xi ħarsa minn taħt lejn it-Tuneżin", nifhmu li Fajsal kien (agħżel **WAĦDA**)
   i. għajjien.
   ii. suspettuż.
   iii. burdata tajba.
   iv. kurjuż. (1)

   b) Ikteb **TLIET** raġunijiet għaliex għamilt din l-għażla. (3)

3. Mill-karattri li jissemmew f'din is-silta, min taħseb li hu l-aktar importanti? Għid għaliex, u x'nafu dwaru. (4)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza, "Tgħid minnu li l-pulizija kienu rrejdjaw il-blokk?" Ikteb l-effett li jinħoloq b'din il-figura tat-taħdit. (4)

5. F'liema stat kien jgħix Fajsal? Islet **TLIET** frażijiet jew sentenzi li juru dan. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ħafna drabi l-bniedem jgħaddi minn mumenti ta' tbatija f'ħajtu. Iddiskuti kif jidher dan l-argument b'modi differenti fin-novella *Ċensina* ta' Lino Spiteri u fil-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado.

**JEW**

2. Iddiskuti kif inhi ttrattata r-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied fin-novella *Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha* ta' Clare Azzopardi u fil-poeżija *Ġeraldine* ta' Trevor Zahra.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Taħseb li l-isem tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Ružann* ta' Francis Ebejer huwa xieraq għal dak li jseħħ matulu? Għid għaliex taħseb hekk.

**JEW**

2. Is-soċjetà Maltija hija magħmula minn klassijiet soċjali differenti. Billi tirreferi għall-karattri li niltaqgħu magħhom fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, iddiskuti kif dawn id-differenzi joħolqu diffikultajiet lil dawn l-istess individwi.

**(Total: 30 marka)**